**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 31 ta` Mejju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**Vs**

**MARIUS CAMILLERI**

**IL-QORTI;**

Rat li l-imputat**, Marius Camilleri detentur tal-karta tal-identita nru.758060M,** gie akkuzat talli :

1. Nhar it-23 ta' Frar, 2011 ghall-habta ta' bejn id-09:15am u d- 09:30am gewwa Misrah il-Kittieba, Hal-Qormi, attakkajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra l-Gwardjan Lokali Stephen Cassar 585, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li hebbejt ghall-Gwardjan Lokali Stephen Cassar 585 volontarjament ikkagunatlu griehi ta' natura hafifa, skond kif iccertifika Dr. Chris Muscat M.D. 1493 mic-centru tas-sahha ta' Hal-Qormi;

3. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ikkommettejt hsara volontarja fuq in-nuccali tax-xemx tal-imsemmi Gwardjan Lokali;

4. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi ngurjajt, heddidt u ghamilt offiza fuq il-persuna tal-Gwardjan Lokali Stephen Cassar 585, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghidt diversi kliem oxxen fil-pubbliku;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

7. U aktar talli kkommettejt ruhek recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

8. U aktar talli kkommettejt reati waqt li kont qed tiskonta l-perjodu ta' sentenza sospiza;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-17 ta` Marzu 2011 (ara *folio* 20) sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Qieset id-depozizzjoni ta` l-imputat fl-udjenza tal-5 ta` Mejju 2015;

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-5 ta` Ottubru 2015 u l-verbal tas-seduta tat-22 ta` Frar 2016;

**Ikkunsidrat**;

Illi rrizulta a sodisfazzjoni tal-Qorti u skond il-ligi illi nhar it-23 ta` Frar 2011, ghall-habta ta` bejn id-9.15am u d-9.30am, l-imputat ghadda bil-vettura tieghu DAH-679 go Triq Guze Ellul Mercer, Qormi u baqa tiela mhux skond is-sinjali tat-traffiku. Il-Gwardjan Lokali 585 Stephen Cassar, li kien qieghed Misrah il-Kittieba, Qormi, lemah lill-imputat jaghmel il-manuvra li mhux suppost ghamel u waqqaf lill-imputat. Wara skambju ta` kliem, l-imputat nehha s-seatbelt, hareg mill-karozza u ghamel wiccu mal-Gwardjan Lokali u qallu sabiex ma jipprocedix kontra tieghu ghax inkella kien ser isibu. Waqt li l-imputat baqa jghajjat, "issa naghrfek, ara ma tipprocedix", ghamel idejh ma wicc il-gwardjan lokali, tah daqqa fuq ghajnejh u kkagunalu ferita hafifa (ara certifikat mediku *a folio* 21 u d-depozizzjoni tat-Tabib Christopher Muscat *a folio* 31 – hmura madwar ghajnejh il-leminija), hataflu n-nuccali u kkagunalu hsara fih (ghall-valur ta` €59.90 – ara *folio* 22) u tajjarlu l-beritta minn fuq rasu.

Dwar l-addebitu tar-recidiva, l-Qorti qieset kemm il-fedina penali li tinsab *a folio* 42, kif ukoll is-sentenzi esebiti *a folios* 60 u 62.

A bazi ta` dawn ir-rizultanzi processwali, l-imputat gie passabbli ghall-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba, s-sitt, u s-seba imputazzjoni.

Minhabba nuqqas ta` provi, l-imputat ma jistax jinstab hati tal-hames imputazzjoni. Lanqas ma jista l-imputat jinstab hati tat-tmien imputazzjoni stante li l-perjodu operattiv (ta` sentejn) tas-sentenza sospiza tal-14 ta` April 2008, kien effettivament skada f'April 2010 – qabel allura t-23 ta` Frar 2011.

**Ikkunsidrat**;

Dwar il-piena l-Qorti tqis illi kull aggressjoni kontra ufficjal pubbliku jikkostitwixxi reat serju u jimmerita piena adatta. Ma jistax ikun li jigi tollerat li persuna, li qed taghmel xogholha u minhabba li tkun qed taghmel xogholha, tisfa vittma ta` attakk minn persuna (l-imputat), li wara kollox ikun hu (l-imputat) li effettivament kiser il-ligi l-ewwel – kif gara f'dan il-kaz.

F'dan il-kuntest, l-Qorti qieset ukoll il-fedina penali ta` l-imputat li tinsab *a folio* 42. Minn din il-fedina penali tirrizulta haga wahda li hija zgur – li l-imputat ma jahsibiex

darbtejn biex jikkonfronta l-persuna – fi kliem iehor, il-fedina penali ta` l-imputat ma hija xejn felici. Madanakollu, l-Qorti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, qed tqis lill-imputat bhala recidiv biss fit-termini ta` l-Artikolu 49 tal-kap 9.

**Konkluzjoni;**

**DECIDE**

Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 95, 96, 221, 222(1)(c), u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, (a) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien imputazzjoni stante li r-reati addebitati f'din il-kawza ma sarux fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza *de quo*; (b) issib lill-imputat mhux hati tal-hames imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi; u (c) issib u tiddikjara lil **Marius Camilleri** hati ta` l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba, s-sitt, u s-seba imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` tlett (3) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba (4) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; kif ukoll ghall-hlas ta` multa fis-somma ta` seba (7) mitt euro (€700).

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati Marius Camilleri jhallas s-somma ta` €59.90 lil Stephen Cassar (Gwardjan Lokali 585) u dana fi zmien sitt xhur mid-data ta` din id-direttiva.

Skond l-Artikolu 28A(4) u 28H(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Marius Camilleri, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu f'kaz ta` nuqqas minn naha tieghu li jottempora ruhu ma din is-sentenza.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur